Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,522, 17 ta' Ottubru, 2025
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXIII tal-2025

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, Kap. 464.

ACT No. XXXIII of 2025

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Health Care Professions Act, Cap. 464.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

17 ta’ Ottubru, 2025

ATT Nru XXXIII tal-2025

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, Kap. 464.

Il-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali". Kap. 464.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f’dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għas-saħħa jista, b’avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta’ dan l-Att.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira "edukazzjoni u taħriġ regolati" għandhom jiġu miżjuda t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "data personali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April

2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data);

"deċiżjoni" tinkludi kwalunkwe ordni jew miżura kontra persuna skont l-artikoli 32, 35 jew 38;";

(b) minnufih wara t-tifsira "Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

""Kumitat Dixxiplinarju" tfisser il-Kumitat Dixxiplinarju mwaqqaf skont ir-Regolamenti dwar Proċeduri Dixxiplinarji;";

L.S. 464.20.

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "miżuri interim" tfisser miżuri urġenti indirizzati lil professjonist fil-kura medika jew persuna li qiegħda tiġi investigata u maħruġa mill-Kunsill rilevanti fil-kors ta' investigazzjoni jew mill-Kumitat Dixxiplinarju fil-kors tal-proċeduri dixxiplinarji minħabba r-riskju ta' dannu serju u irreparabbli lir-reputazzjoni u l-integrità tal-professjoni tal-kura medika, il-benesseri tal-parti leża jew is-sigurtà pubblika;";

(d) minnufih wara t-tifsira "raġunijiet prevalenti ta' interess ġenerali" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Sigriet professjonali" jew "sigriet" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar Segretezza Professjonali;".

Kap. 377.

Emenda tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 31 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Il-Kunsill rilevanti għandu jkollu s-setgħa, jew meta jirċievi lment mingħand kwalunkwe persuna jew fuq inizjattiva tiegħu stess, li jinvestiga u wara, jekk iqis li hu meħtieġ, jibda proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju fir-rigward tal-allegata mġiba professjonali ħażina jew allegat ksur tal-etika minn professjonist fil-kura medika li jaqa' taħt is-superviżjoni tiegħu:

Iżda l-Kunsill rilevanti għandu jikkonkludi l-investigazzjoni tiegħu dwar l-imġiba tal-professjonist fil-kura medika fi żmien tliet (3) xhur minn meta jirċievi l-ilment jew mid-data meta l-Kunsill rilevanti jiddeċiedi li jwettaq investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess, liema perjodu jista' jiġi estiż jekk il-kwistjoni tkun hekk teħtieġ, jew jekk l-investigazzjoni ma setgħetx tiġi konkluża qabel, mingħajr l-ebda ħtija tal-Kunsill rilevanti, għal perjodu ulterjuri ta' tliet (3) xhur.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kelma "inkjesta" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "investigazzjoni";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kelma "inkjesta" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "investigazzjoni";

(d) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Il-proċeduri dixxiplinarji msemmija fis-subartikolu (1) quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju mwaqqaf skont ir-Regolamenti dwar Proċeduri Dixxiplinarji għandhom jiġu konklużi fi żmien sena (1) mid-data tal-preżentata tar-rikors mill-Kunsill rilevanti quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju u ma għandu jkun permess l-ebda differiment lil hinn mill-imsemmi perjodu ta' sena (1) ħlief għal raġunijiet eċċezzjonali li għandhom jiġu reġistrati mill-Kumitat Dixxiplinarju.". L.S. 464.20.

Żieda ta' artikoli ġodda fl-Att prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 31 tal-Att prinċipali, kif emendat, għandhom jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Kxif ta' informazzjoni sigrieta. Kap. 9 Kap. 377.

31A. (1) Ma jkun sar l-ebda reat kontra l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali jew ksur taħt l-Att dwar Segretezza Professjonali minn kwalunkwe persuna li tikxef in bona fide sigriet professjonali jew sigrieti sa fejn tali kxif ikun proporzjonat u raġonevolment meħtieġ:

(a) lill-Kunsill rilevanti sabiex jiġi ppreżentat ilment, jew inkonnessjoni ma' investigazzjoni li ser tkun, jew qiegħda titwettaq mill-Kunsill rilevanti skont l-artikolu 31; jew

(b) quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju fil-kors jew inkonnessjoni ma' proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju.

(2) Il-Kunsill rilevanti jista' jordna l-kxif tal-informazzjoni sigrieta minn kwalunkwe persuna marbuta bis-sigriet professjonali inkonnessjoni ma' investigazzjoni li ser tkun, jew qiegħda titwettaq mill-Kunsill rilevanti.

(3) Il-Kumitat Dixxiplinarju jista' jordna l-kxif tal-informazzjoni sigrieta minn kwalunkwe persuna marbuta bis-sigriet professjonali fil-kors ta', jew inkonnessjoni ma' proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju.

L-ipproċessar u s-sottomissjoni ta' data personali.

31B. Bla ħsara għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), kif emendat minn żmien għal żmien, il-ġbir, l-użu, il-ħażna u t-trażmissjoni ta' data personali:

(a) lill-Kunsill rilevanti għall-finijiet li jiġi ppreżentat ilment quddiemu, jew inkonnessjoni ma' investigazzjoni li għandha tkun, jew li qiegħda titwettaq minn tali Kunsill rilevanti skont l-artikolu 31; u

(b) lill-Kumitat Dixxiplinarju fil-perkors ta', jew inkonnessjoni ma' proċeduri dixxiplinarji quddiemu,

għandha titqies bħala miżura meħtieġa sabiex tiġi stabbilita, eżercitata jew difiża talba u l-proċeduri quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju.".

Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

5. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "Jekk wara li tkun saret inkjesta kif imiss jirriżulta lill-Kunsill rilevanti li professjonist fil-kura medika li jaqa' taħt l-awtorità tiegħu -" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Jekk wara d-debita investigazzjoni u l-proċeduri dixxiplinarji jiġi stabbilit li professjonist fil-kura medika:";

(b) il-kliem "il-Kunsill rilevanti jista' jordna xi waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin, jiġifieri:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-Kunsill rilevanti għandu jadotta, bħala d-deċiżjoni tiegħu stess, kwalunkwe waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin meħuda mill-Kumitat Dixxiplinarju:".

Sostituzzjoni tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.

6. L-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"33. Kwalunkwe investigazzjoni li titwettaq minn Kunsill rilevanti u kwalunkwe proċeduri dixxiplinarji li jinbdew quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju, għandhom ikunu bla ħsara għal kwalunkwe proċeduri kriminali, ċivili, amministrattivi jew dixxiplinarji oħra li jistgħu jittieħdu kontra l-persuna kkonċernata taħt id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra.".

Emenda tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali.

7. Fl-artikolu 35 tal-Att prinċipali l-kliem "imniżżel fir-reġistru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mniżżel mill-ġdid fir-reġistru".

Emenda tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali.

8. L-artikolu 36 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"Notifika ta' deċiżjoni tal-Kunsill u appell minnha.

(1) Fil-każ ta' kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Kunsill rilevanti kontra persuna sussegwentement għal deċiżjoni tal-Kumitat Dixxiplinarju skont l-artikoli 32, 35 jew 38, ir-reġistratur tal-Kunsill rispettiv għandu, fi żmien erbatax (14)-il jum mit-teħid ta' kwalunkwe tali deċiżjoni mill-Kunsill rilevanti, jinnotifika lill-persuna kkonċernata b'tali deċiżjoni u għandu, fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum, jinnotifika wkoll lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru b'dik id-deċiżjoni.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Kwalunkwe deċiżjoni imposta mill-Kunsill rilevanti għandha tkun eżegwibbli unikament mal-iskadenza tat-terminu preskritt fis-subartikolu (4), jew f'każ li jiġi ppreżentat rikors tal-appell, hekk kif l-appell jiġi deċiż b'mod finali mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).";

(ċ) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "subartikolu (2)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "subartikolu (1)";

(d) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Il-persuna kkonċernata tista' fi kwalunkwe waqt fi żmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika skont is-subartikolu (3), tappella lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) kostitwita skont l-artikolu 41(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fuq punti ta' fatt u ta' liġi.";

Kap. 12.

(e) minnufih wara s-subartikolu (8) tiegħu għandhom jiġu miżjuda s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(9) Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) għandha, mingħajr dewmien, tappunta d-data għas-smigħ tal-appell, liema data ma għandha fl-ebda każ tkun iktar tard minn tliet (3) xhur mid-data tal-preżentata tal-imsemmi appell.

(10) Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) għandha tisma' u tiddeċiedi l-appell fi żmien sitt (6) xhur mid-data stabbilita għall-ewwel smigħ tal-appell. Ma għandu jingħata l-ebda differiment lil hinn mill-imsemmija sitt (6) xhur ħlief bil-kunsens kemm tal-appellant kif ukoll tal-appellat jew għal raġuni eċċezzjonali li għandha tiġi rreġistrata mill-Qorti u tali data ta' differiment ma għandhiex tkun aktar tardiva minn dak li hu raġonevolment ġustifikat.".

Emenda tal-artikolu 38 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 38 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tal-artikolu 38 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) Jekk wara l-investigazzjoni u l-proċeduri dixxiplinarji jiġi stabbilit mill-Kumitat Dixxiplinarju li professjonist fil-kura medika ma jkunx kapaċi jkompli jeżerċita l-professjoni tiegħu minħabba xi inkapaċità fiżika jew mentali, il-Kunsill rilevanti għandu jordna li ismu jiġi kkanċellat mir-reġistru rilevanti.";

(b) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fis-subartikolu (4) tiegħu l-kelma "inquiry" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "investigation".

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

10. Minnufih wara l-artikolu 38 tal-Att prinċipali għandu jiġi

miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Miżuri interim.

38A. (1) Il-Kunsill rilevanti jista', fil-kors tal-investigazzjoni u qabel jippreżenta rikors sabiex jiġu inizjati l-proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kumitat Dixxiplinarju, jadotta f'każijiet urġenti, miżuri interim minħabba r-riskju ta' dannu serju u irreparabbli lir-reputazzjoni u l-integrità tal-professjoni tal-kura medika, il-benesseri tal-parti leża jew is-sigurtà pubblika b'mod ġenerali:

Iżda l-Kunsill rilevanti għandu biss jaddotta miżuri interim jekk ikun sodisfatt illi *prima facie* jkun jidher li kien hemm kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tal-artikolu 32(1), l-artikolu 35 u l-artikolu 38(1).

(2) Id-deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti sabiex jaddotta miżuri interim għandha tkun eżegwibbli minnufih malli tittieħed tali deċiżjoni. Tali miżuri għandhom ikunu bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti li tista' tittieħed mill-Kunsill rilevanti.

(3) Il-miżuri interim għandhom ikunu proporzjonati u xierqa u għandhom japplikaw għal perjodu speċifiku ta' żmien li għandu jiġi determinat mill-Kunsill rilevanti:

Iżda l-miżuri interim jistgħu jiġu mġedda mill-Kunsill rilevanti sakemm ikunu meħtieġa u idonei:

Iżda wkoll il-miżuri interim ma għandhomx jibqgħu japplikaw kemm-il darba jkunu ġew adottati fil-kors ta' investigazzjoni mill-Kunsill rilevanti li sussegwentement ikun iddeċieda li ma jieħu l-ebda azzjoni ulterjuri u jagħlaq l-investigazzjoni tiegħu.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti skont is-subartikolu (1) għandha tiddikjara l-fatti kollha magħrufa minnu u r-raġunijiet għaliex iqis li l-adozzjoni tal-miżuri interim hija meħtieġa.

(5) Id-deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti skont is-subartikolu (1) jew kwalunkwe estensjoni skont l-ewwel proviso tas-subartikolu (3) għandha tiġi notifikata lill-persuna kkonċernata mir-reġistratur tal-Kunsill rilevanti fi żmien jumejn (2) mid-data tat-teħid tad-deċiżjoni mill-Kunsill rilevanti.

(6) Ir-reġistratur tal-Kunsill rilevanti għandu fi żmien sitt (6) ijiem mid-data tal-adozzjoni tal-miżuri interim skont is-subartikolu (1) jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru dwar kwalunkwe tali miżuri interim adottati, u l-persuna kkonċernata tista', fi żmien sitt (6) ijiem mid-data tan-notifika tal-miżuri interim, tippreżenta talba għal konsiderazzjoni mill-ġdid lill-Kunsill rilevanti li fiha tinkludi r-raġunijiet għall-istess:

Iżda meta ssir talba għal konsiderazzjoni mill-ġdid, il-Kunsill rilevanti għandu jieħu deċiżjoni finali fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data tal-preżentata tal-imsemmija talba, liema deċiżjoni finali għandha tiġi notifikata lill-persuna kkonċernata skont is-subartikolu (5):

Iżda wkoll f'tali każijiet, it-terminu sabiex jiġi ppreżentat rikors tal-appell skont is-subartikolu (7) għandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni finali.

(7) L-appell minn miżuri interim adottati mill-Kunsill rilevanti skont is-subartikolu (1) għandu jsir permezz ta' rikors preżentat quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fi żmien sitt (6) ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni, u l-Kunsill rilevanti għandu jirrispondi fi żmien sitt (6) ijiem mid-data tan-notifika ta' tali rikors.

(8) It-talba għal konsiderazzjoni mill-ġdid skont is-subartikolu (6) jew l-appell ippreżentat skont is-subartikolu (7) ma għandux ikollhom l-effett li jissospendu kwalunkwe miżuri interim imposti mill-Kunsill rilevanti.

(9) Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors skont is-subartikolu (7) fl-inqas żmien possibbli, iżda sa mhux aktar tard minn xahar (1) mid-data tal-preżentata tar-risposta mill-Kunsill rilevanti.".

Dispożizzjoni tranżitorja.

11. B'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, kwalunkwe deċiżjoni, ordni jew miżura imposti mill-Kunsill rilevanti kontra persuna kkonċernata skont it-Taqsima VII tal-Att prinċipali, għandhom ikunu soġġetti għad-dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) skont l-artikoli 36 u 38A tal-Att prinċipali.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 387 tat-13 ta' Ottubru, 2025.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati